**17 ta' Marzu 1967.**

**Imhallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Gaetano Abdilla

*versus*

Avukat Dottor Joseph F. Cassar Galea, LL.D., M.L.A.

**Avukat — Drittijiet Professjonali — Servizi — Illeċitu — Prova — Segriet Professjonali.**

*F'każ ta' drittijiet professjonali għall-servizzi f'kawżi kriminali ma hemm l-ebda ammont iffissat mit-tariffa. Għalhekk huwa solitu li jkun hemm ftehim preventiv bejn l-avukat u l-parti dwar il-portata u l-kumpens dovut għall-drittijiet professjonali. Meta dan il-ftehim jonqos ma jfissirx li l-avukat jista jesiġi kwalunkwe kumpens li jidhirlu xieraq.*

*Fil-każ li l-avukat jippretendi ħlas għall-servizzi resi huwa għandu l-obbligu li jipprova l-portata u n-natura ta' dawk is-servizzi. Il-fatt li l-parti l-oħra ma tilliberahx mis-sigriet professjonali bl-ebda mod ma teżonerah minn dan l-obbligu. Jekk imbagħad dawn is-servizzi kienu jinvolvu l-illeċitu, l-persuna li tkun irredithom ma tkunx tista tippretendi kumpens minħabba dan il-fatt; tali servizzi ma jistgħu qatt jikkwalifikaw bħala prestazjonijiet professjonali.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti kollha xierqa — talab illi l-konvenut jiġi kundannat jirrestitwixxi u jħallas lill-atturi s-somma ta' ħames mitt lira (£500) — somma li huwa rċieva mingħand l-attur biex jiddeposita fir-Reġistru tal-Qorti u li, in segwitu l-konvenut sbanka u qiegħed iżomm mingħajr titolu, bl-imgħax legali mis-27 (sebgħa u għoxrin) ta' Lulju, 1961 (elf disa' mija u wieħed u sittin), kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal illi l-ammont imsemmi fiċ-ċitazzjoni inżamm minnu (bi ftehim mal-attur u bil-kunsens tiegħu) bħala ħlas ta' xogħol professjonali magħmul b'inkarigu u fl-interess tal-attur.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Ġunju, 1966 li

biha laqgħet it-talba ta' l-attur limitatament għas-somma ta' £450 u ċaħditha għall-bqija, bl-ispejjes skond ir-rebħ u t-telf rispettiv wara li kkunsidrat;

Li biex tiġi aġevolment risoluta l-kwistjoni involuta fit-talba tal-attur huwa meħtieġ li, qabel xejn, jiġu esposti l-fatti li taw lok għal dina l-kawża.

Li fil-bidu ta' Lulju, 1951 il-konvenut kien ġie inkarigat biex jippatroċinja lill-attur f'akkuża ta' attentat ta' omiċidju kontra diversi membri tal-familja tiegħu. Meta spiċċat il-kumpilazzjoni, billi l-attur kien arrestat, il-konvenut talab il-libertà provviżorja quddiem il-Qorti Kriminali Kolleġġjali, li ċaħdet it-talba; in segwitu saret talba oħra, li ġiet milqugħa bl-imposizzjoni ta' garanzija ta' £500 (ħames mitt lira); liema ammont ġie depożitat *per mezz ta' cheque* mill-flus tal-konvenut; però l-għada l-attur irrestitwixxa l-ammont ta' £500 (ħames mitt lira) lill-konvenut; u d-depożitu baqa fir-Reġistru tal-Qorti sakemm ġie rtirat mingħand il-konvenut. L-attur sa dan it-tant ġie kkundannat għal sitt (6) snin lavori forzati. Fl-intervall il-konvenut kien imur jarah il-ħabż u jikkopera biex, jekk jista jkun tiġi lilu ridotta d-durata tal-piena, anke permezz ta' diversi petizzjonijiet u ta' serviġi oħra u spejjes li baqgħu ma rriżultawx u għalhekk mhux magħrufa mill-Qorti, minħabba li l-attur ma svinkolax lill-konvenut mis-sigriet professjonali. Meta l-attur, wara l-ġuri, permezz tal-Prokuratur Legali D'Amato talab l-isbank tal-imsemmija garanzija ġie infurmat li l-konvenut kien irtira l-imsemmi ammont ta' £500 (ħames mitt lira).

Li rriżulta wkoll li l-konvenut in konnessjoni mal-proċess kriminali fuq riferit kien inkassa mingħand l-attur is-somma ta' mitt lira (£100).

Li l-konvenut qiegħed isostni li l-ammont ta' £500 (ħames mitt lira), fuq riferit inżamm minnu bi ftehim mal-attur u bil-kunsens tiegħu, bħala ħlas ta' xogħol professjonali magħmul b'inkarigu u fl-interess tal-attur.

Li għalhekk għandhom jiġu eżaminati dawna ż-żewġ propożizzjonijiet;

1) Jekk bejn il-kontendenti sarx ftehim espress dwar il-pagament tal-imsemmija somma għall-prestazzjonijiet professjonali tal-konvenut;

2) Fin-nuqqas tal-imsemmi ftehim setax il-konvenut iżomm f'idejh l-imsemmi ammont bħala kumpens għall-allegati serviġi u ħlas ta' *xogħol professjonali*, magħmula fl-interess tal-attur.

Li għar-rigward tal-ewwel diffikoltà għandu jingħad li għalkemm jista jidher li l-attur seta għamel xi promessi lill-konvenut, meta ġie kundannat il-ħabs, dawna jidhru li kienu subordinati għax-xewqa insistenti tiegħu li jsir minn kollox biex joħroġ jew jiġi akkorċjat iż-żmien tal-priġionija tiegħu; l-ittra tat-13 ta' Marzu, 1964, għalkemm tista tidher promessa konkreta, f'dana s-sens, hija subordinata għall-kondizzjoni li l-attur joħroġ mill-ħabs fi żmien xahar. Però irriżulta li l-attur irċieva l-kondonazzjoni tal-piena b'amnestija governativa *li saret fl-okkażżjoni tal-Indipendenza* ta' dawn il-Gżejjer.

Li, ċirkostanza oħra, li minnha wieħed jista' jiddesumi li ma kienx intlaħaq ftehim bejn il-kontendenti dwar dana l-ħlas, hija dik li meta l-konvenut sbanka mir-Reġistru tal-Qorti l-import tal-garanzija ma jidhirx li ġie informat l-attur; u dana anqas kellu bżonn jsir billi l-istess ammont kien

ġie depożitat mill-konvenut bi flusu.

Li, inoltri, il-konvenut irtira dawna l-flus, wara li spiċċa l-ġuri; u għalhekk *ma setax* kien hemm ftehim preventiv dwar il-propina tal-konvenut għad-difiża tal-attur fil-proċess kriminali; propina li tidher stipulata bl-ammont ta' £100 (mitt lira); iżda ma rriżulta xejn għal dana r-rigward fuq l-ammont ta' £500 (ħames mitt lira).

Li, il-linja tad-difiża tal-konvenut waqt il-kawża, orjentat ruħha fis-sens, li dawna l-flus servew għal diversi "*commitments*" li *fuqhom, però, ma nġabux provi, jew kont dettaljat*, jew tassazzjoni, jew xi partikolaritajiet oħra li minnhom il-Qorti tista tifforma idea tal-entità, importanza u durata tagħhom. Dana jagħti x'wieħed jaħseb li meta l-konvenut sbanka l-imsemmi ammont mhux biss ma sarx bi ftehim mal-attur bħala kumpens għall-serviġi prestati, iżda l-istess konvenut għadu ma kellux idea, anqas approssimattiva, *tal-prestazzjonijiet li kien sejjer jirrendi lill-attur* in konnessjoni mar-riduzzjoni tal-piena minnu mixtieqa.

*Li, imbagħad, irriżulta li l-konvenut ma kienx qiegħed jagħmel mal-attur* kwistjoni ta' flus; u għalhekk wieħed ma jistax jifhem kif il-konvenut stess, issa fil-kawża, mingħajr ma sar ebda ftehim mal-attur qiegħed jikkalkola li mill-£500 (ħames mitt lira) żamm £250 (mitejn u ħamsin lira) jew £300 (tliet mitt lira) għall-ġuri, wara kif qal huwa "inaqqas l-ispejjes u r-rigali li semmejt."

Li, għalhekk, għall-proċeduri kriminali mill-kumpilazzjoni, sal-ġuri, il-konvenut iffissa l-onorarju tiegħu għall-£350 (tliet mija u ħamsin lira) jew £400 billi magħhom iridu jiżdiedu il-£100 (mitt lira) fuq imsemmija;

Li mentri fuq dana l-aħħar ammont ta' £100 (mitt lira) irriżulta ftehim espress, fuq il-bqija ma jistax jingħad listess haġa, u għalhekk ikun dmir tal-Qorti li tara, fuq il-kriterji li sejrin jiġu enunċjati aktar l-isfel, jekk il-konvenut huwiex intitolat għall-dik is-somma ta' £250 (mitejn u ħamsin lira) jew £300 (tliet mitt lira), meta rriżulta li dina ma ġietx miftiehma tempestivament mal-attur għal fini tal-ġuri.

Li, għalhekk il-Qorti għandha quddiemha żewġ pretensjonijiet illikwidi tal-konvenut;

(1) dik rigwardanti l-onorarju tiegħu bħala difensur tal-attur fil-proċess kriminali;

(2) dik li għandha x'taqsam ma' serviġi u prestazzjonijiet oħra wara l-ġuri, li l-konvenut jallega li għamel fl-interess u b'inkarigu tal-attur biex jipprova jqassarlu ż-żmien tal-ħabs.

Li, hawn nidħlu awtomatikament fit-trattazzjoni tat-tieni diffikultà fuq prospettata u dejjem in linja magħha, iridu jiġu riżoluti ż-żewġ kweżiti fuq imsemmija.

Li, għar-rigward tal-pretensjoni illikwida tal-onorarju tal-attur għall-proċess kriminali, il-Qorti hija tal-fehma li dina ma tistax issir f'dan il-ġudizzju, qabel xejn għaliex ma rriżultalhiex li oltri il-£100 (mitt lira) pattwiti bejn il-kontendenti qatt kien hemm xi mument qabel, waqt u wara l-ġudizzju kriminali, li l-konvenut kellu jieħu xi ammont ieħor a saldu tal-onorarju tiegħu. L-istess konvenut waqt il-kawża anqas ma kien żgur fuq dana l-punt, u qal li jikkalkola li mill-£500 (ħames mitt lira), huwa ppreleva £250 (mitejn u ħamsin lira) u £300 (tliet mitt lira) oħra għall-

*onorarju tiegħu.*

Li ġeneralment fil-prattika kriminali, billi mhemmx tassazzjoni tad-drittijiet tal-avukat difensur, il-ftehim dwar l-onorarju isir qabel il-kumpilazzjoni jew qabel il-ġuri. Għaliex l-Avukat, li ma *jkollux il-kontroll tat-taxxa,* għandu almenu, biex jiffissa l-onorarju tiegħu, ifittex u jottieni l-kunsens tal-klient. Ikun, diversament, inammissibbli li Avukat jistabbilixxi l-onorarju tiegħu "ex parte" u *jipprelevah b'inizjattiva* u kriterju unilaterali, minn flus *li jkollu f'idejh tal-klient* wara *t-terminazzjoni tal-proċess. Sistema bħal* dan, jekk jiġi ammess, jista jagħti lok għall-abbuż, u jipprivà lill-parti patroċinata minn dak id-dritt li jiddisponi minn flusu f'dak l-ammont li jidhirlu xieraq u kompatibbli mal-għażla tal-avukat, mal-importanza tal-każ u max-xogħol tad-difiża.

Li mbagħad, mill-kompless taċ-ċirkostanzi li rriżultaw, il-Qorti waslet għal-konklużżjoni *li* l-ammont ta' £500 (ħames *mitt lira), ġie miżmum* mill-konvenut *in previżjoni ta' ħlas ta' serviġi* li l-konvenut kellu jagħmel *b'inkarigu* tal-attur mhux in konnessjoni mal-proċess kriminali, *li* kien spiċċa, iżda in relazzjoni max-xewqa tal-attur li joħroġ mill-ħabs kemm jista' jkun qabel iż-żmien prefiss mis-sentenza.

Li, għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li llum ma tistax tiġi likwidata favur il-konvenut ebda somma oħra bħala kumpens u ħlas bilanċjali tal-prestazzjonijiet tiegħu fil-proċess kriminali.

*Li,* issa għandu jiġi eżaminat f'liema ammont ta' flus għandu jiġi rikompensat il-konvenut għas-serviġi minnu prestati wara l-ġuri, u sakemm l-attur ottiena *l-libertà* tiegħu.

Li, la darba l-konvenut aċċepixxa l-pagament jew id-"dazioni in solutum" in rimunerazzjoni ta' servigi, għandu jagħmel il-prova relattiva.

Li hija regola kostanti ta' dritt, li kull pagament huwa proporzjonat "*alla prestazione resa*"; *diversament hija donazzjoni*, sia pure onerosa, cumula in rimunerazzjoni ta' xi xogħol li għalih id-donatarju kellu jedd ta' azzjoni.

Li f'dana l-każ hija applikabbli d-disposizzjoni tal-artikolu 1833 tal-Kodiċi Ċivili, fis-sens li r-regoli tad-donazzjoni ma jkunux applikabbli ħlief meta l-valur tal-ħaġa mogħtija b'donazzjoni jkun iżjed għal anqas bin-nofs mill-ħlas li jkun ħaqqu dak ix-xogħol, u dwar dana iżżejjed biss.

Li, għalhekk, dwar l-eċċess fuq imsemmi id-"dazioni in solutum" tkun nulla, għaliex nieqsa mill-att pubbliku preskritt mill-artikolu 1847 tal-Kodiċi Ċivili.

Li, biex jiġi pruvat dana l-aċċess jew in-nuqqas tiegħu, ikun meħtieġ li l-kumpens għax-xogħol pretiż jirriżulta f'dana l-każ, jew minn taxxa, u jekk ma jistax ikun li tiġi prodotta taxxa; "il compenso dovrà stabilirsi secondo il prudenziale arbitrio della Corte, avuto riguardo all'importanza che vi annetteva il convenuto, agli incomodi sofferti dall'attore, al tempo che si dovesse impiegare ed alla sua cooperazione in generale per sostenere le cagioni del cliente", (Kollezz. XXVI, i, 228); u ċirka l'onorarju ta' Avukat għall-prestazzjonijiet professjonali "non contemplate da alcuna tariffa si deve stare all'apprezzamento dell'opera ch'egli fa, salvo chè resulti all'evidenza e quasi prima facie, che tale apprezzamento è esagerato." (Kollezz. XX, ii, 267). U kull darba li dawna d-drittijiet jiġu reklamati "sia necessario liquidarli tenuto sempre conto della rispettabiltà della pro-

fessione......" (Kollezz. XXIV, I, 590).

Li l-Qorti tikkomprendi l-versjoni tal-konvenut fis-sens li huwa kien jiġi pressat mill-attur biex jagħmel li jista biex joħorġu mill-ħabs qabel iż-żmien; u tifhem ukoll il-ko-operazzjoni disinteressata tal-konvenut biex kemm jista jkun isib okkażżjonijiet propizi għall-attur biex dana joħroġ mill-ħabs, u b'hekk itaffilu d-dwejjaq u l-inkwiet li kienu qegħdin jaggravawlu l-piż tal-piena.

Li, quddiem il-Qorti rriżultaw dawna s-serviġi: laqgħat diversi tal-konvenut mal-attur il-ħabs; diversi petizzjonijiet; korrispondenza; li għalihom il-Qorti wara li ħadet in konsiderazjoni l-importanza li kien jagħtihom l-attur, iż-żmien li ħela l-konvenut fl-esekuzzjoni ta' dawka s-serviġi, tiddikjara li l-konvenut ħaqqu s-somma ta' ħamsin lira (£50).

Li għall-kumplament il-pretiża "dazione in solutum" akkampata mill-konvenut, anke kieku rriżulta — li mhux il-kas — xi ftehim fuq il-kumpens tas-serviġi, in kwantu dana l-eċċess jekwivali għall-donazzjoni skond il-prinċipju fuq enunċjat, ma jistax jiġi konsegwit mill-konvenut billi ma rriżultax li d-donazzjoni relattiva saret b'att pubbliku; u għalhekk il-konvenut huwa tenut jirrestitwixxi lill-attur l-import relattiv ta' erba' mija u ħamsin lira (£450), anke għaliex l-apparezzament tiegħu għall-imsemmija serviġi huwa esaġerat.

Li jekk saru xi spejjes oħra jew rigali da parti tal-konvenut fuq inkarigu tal-attur, dina l-Qorti ma tistax tieħu konsiderazzjoni tal-import relattiv, għaliex ma saret ebda prova dwarhom; u l-attur impedixxa lill-konvenut li jagħti xi dettalji għaliex dawna l-partiti kienu koperti bis-sigriet professjonali.

Li, trattandosi ta' pretensjoni għall-ħlas ta' servigi, il-Qorti ma hix tenuta tillikwida ebda kumpens jekk ma ssirx il-prova ta' dawna s-servigi; issa jekk dina l-prova ma setgħatx issir imħabba n-natura illeċita jew inaċċessibbli tal-istess servigi, il-Qorti ma għandhiex tissupplixi għan-nuqqas ta' dina l-prova, b'induzzjonijiet li ma jikkompetux lilha, u li jistgħu jikkonduċuha għaċ-ċensura tal-istess servigi, li jekk pruvati, setgħu jkunu estranei, għall-professjoni jew *projbiti mill-ligi.*

Li, huwa ta' min jirrileva li l-Avukat huwa l-mandatarju tal-klijient tiegħu b'mandat speċjali għall-finijiet tal-kawża fis-sens tal-artikolu 1964 tal-Kodiċi Ċivili (Kollezz. XXIX, ii, 328, XXXVII, i, 99); u li l-mandat għandu jkollu bħala skop tiegħu ħaġa *leċita* li *min* jagħti l-mandat seta jagħmel huwa nnifsu (art. 1959 (1) Kodiċi Ċivili).

Li, evidentement, għal dina l-aħħar kategorija ta' servigi li ma ssemmewx fid-dettalji tagħhom f'dina l-kawża, jista' jimmilita d-divjet fuq preskritt, għaliex jekk kienu ta' natura *illeċita* l-mandat huwa null, u insostenibli kwalunkwe pretensjoni ta' kumpens għalihom. "Reiturpi nullum mandatum est; et ideo hac actione *non* agitur." (L. 6 para 3 D. Mandati; Kollezz. XXXIV, 632).

Li din hija semplici ipotesi, u għalhekk ma huwiex il-każ li dina l-Qorti tkompli tapprofondixxi l-isvolgiment u l-indagini ta' dina l-materja billi ma gietx sollevata esplicitament l-eċċezzjoni relattiva, għal dawk li jistgħu jkunu l-effetti ta' dina n-nullità għar-rigward tal-istess mandat u tar-restituzzjoni tal-flus imħallsa għall-esekuzzjoni ta' mandat simili (v. Troplong "Del Deposito" Sez. I. para 31).

Li, fl-aħħarnett, għandu jigi rilevat li għalkemm id-dis-

posizzjoni tal-artikolu 80 tal-Proċedura Ċivili, mhiex applikabbli għall-każ, billi f'materja penali, ma teżistix tariffa ta' drittijiet eppure dina l-Qorti hija tal-fehma li dina d-disposizzjoni *tistabilixxi prinċipju ta' moralità professjonali* li għandha tkun superjuri għal kwalunkwe konsiderazzjoni ta' natura strettament patrimonjali anke pattwita li tista tnaqqas fl-opinjoni tal-klient u tal-pubbliku in ġenerali xi ħaġa mill-attribut ta' dik l-integrità li hija patrimonju indiskuss u tradizjonali tal-Avvokatura Maltija.

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi riformata fis-sens li tiġi revokata in kwantu laqgħet it-talba ta' l-attur għas-somma ta' *£450 u waħħlet parti* mill-ispejjes lill-istess konvenut u tiġi konfermata *in kwantu* ċaħdet it-talba ta' l-attur għall-bqija tas-somma pretiża u waħħlitu parti mill-ispejjes, u hekk, b'dan il-mod, it-talba ta' l-attur tiġi miċħuda għal kollox bl-ispejjes kollha taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u tistħoqq konferma bl-ispejjes.

Rat l-attijiet *kollha* tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Fiċ-ċitazzjoni l-appellat talab li l-appellant jiġi ikkundannat jirrestitwixxi u jħallas lilu s-somma ta' £500 li — l-appellat qal — "l-appellant kien irċeva minn għandu biex jiddepositaha fir-Reġistru tal-Qorti" u li l-istess appellant in segwitu żbanka u qiegħed iżomm mingħajr titolu. Il-kliem bejn virgoletti proprjament ma hux eżatt bħala fatt. Minn dak li rriżulta mill-provi jidher li hu terren komuni illi s-somma ta' *£500 li l-Qorti* Kriminali tal-Maesta Tagħha r-Reġina kienet ordnat *li tiġi* depożitata fir-Reġistru tal-Qorti

bħala garanzija għal-libertà *provviżorja* ta' l-appellat, ġiet inizjalment maħruġa *mill-appellant* minn flus tiegħu. L-għada jew il-pitgħada, però, l-ammont hekk maħruġ mill-appellant ġie restitwit lilu mill-appellat. B'dana kollu id-depożitu fir-Reġistru baqa jidher f'isem l-appellant u dan, meta spiċċa l-ġuri, *żbanka* u *żamm* għandu dik is-*somma*. Dawn *huma* l-flus *li dwarhom hi* l-kwistjoni bejn il-partijiet u l-ineżattezza verbali fiċ-ċitazzjoni hawn fuq rilevata ma għandha ebda rilevanza għall-finijiet tas-soluzzjoni ta' dik il-kwistjoni.

Il-pretensjoni ta' l-appellat kienet u hija illi l-appellant ma kellu u *ma* għandu ebda dritt jew titolu biex iżomm dawk il-flus. Il-pretensjoni *sostanzjali* ta' l-appellant kienet u hija illi hu żbanka u *żamm* għandu dawk il-flus bi ftehim ma u bil-kunsens ta' l-appellat biex jitħallas tal-prestazzjonijiet professjonali li hu, irrendielu sew bħala difensur tiegħu fil-ġuri kif ukoll wara biex jottienilu l-ħelsien tiegħu mill-ħabs, u biex jirrimborsa *ruħu* ta' flus li hu (l-appellant) nefaq jew ħallas fl-interess *ta'* l-appellat.

L-ewwel Onorabbli Qorti, rigward il-pretensjoni ta' l-appellant illi hu żbanka u żamm għandu l-£500 bi ftehim u bil-kunsens espress ta' l-appellat, irriteniet, wara li hi stess rat il-provi u *semgħet* ix-xhieda, illi, bħala fatt, dak il-ftehim u kunsens ma irriżultawx pruvati.

Din il-Qorti, wara li qieset bir-reqqa kollha l-ilmenti u s-sottomessjonijiet ta' l-appellant fuq din il-kwistjoni, ma ssibx raġuni biex *tiddissenti mill*-konklużjonijiet ta' l-ewwel Onorabbli Qorti. Mill-attijiet tal-Qorti jidher illi l-ġuri ta' l-appellat sar fis-7, 8 u 9 ta' Novembru, 1961 u li l-appellant żbanka u irtira mir-Reġistru tal-Qorti il-£500 in kwistjoni l-għada, 10 ta' Novembru, 1961. Hu sata mater-

jaiment jiżbankahom għax, kif intqal kien iddepożithom hu stess u kienu jidhru f'ismu. Iżda, dak iż-żmien, dawk il-flus ma kienux tiegħu għaliex, kif intqal ukoll, l-appellat kien ġa irrestitwilu l-avanz tagħhom l-għada jew il-pitgħada li ħariġhom. Fil-fehma tal-Qorti il-piż tal-prova illi l-appellant żbanka u mbagħad żamm għandu dawk il-flus bħala tiegħu bil-kunsens ta' l-appellat kien fuqu.

*Żgur li ma jirriżultax illi l-iżbank mir-Reġistru tal-Qorti* sar bil-kunsens ta' l-appellat. Dan, anqas l-istess appellant ma issuġġerih fix-xhieda tiegħu. Anqas ma ġie suġġerit mill-istess appellant illi hu informa lill-appellat li kien ser jiżbanka dawk il-flus. Ġa-la-darba dawk il-flus ma kienux ta' l-appellant, din il-Qorti jidhrilha illi kien obbligu ta' l-appellant li jinforma lill-appellat illi kien ser jiżbankahom u jara l-appellat x'ried jagħmel bihom. Il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-appellant kellu dritt li jżomm għandu dawk il-flus, mingħajr ma jinforma lill-appellat u jottieni l-kunsens tiegħu, anqas jekk kien jippretendi li kellu xi dritt għall-ħlas ulterjuri għall-prestazzjonijiet professjonali tiegħu.

L-appellant qal biss fl-ewwel xhieda tiegħu illi, f'okkażżjoni waħda f'waħda mill-viżiti li hu qal li kien jagħmel lill-appellant il-ħabs, l-appellat talbu biex jgħamillu minn kollox biex jekk jista jkun jibgħatu x'imkien u joħorġu mill-ħabs, per eżempju l-isptar u minn rajh qallu: "Hemm dawk il-£500, ara x'jifdal minnhom u jekk ma jservukx għidli ħa nifirmalek għal aktar." Fit-tieni xhieda tiegħu, l-appellant — dejjem rigward dawn il-£500 — Qal: "Jien kont ta' spiss immur nara lill-(appellat) wara li kien il-ħabs wara li ġie kkundannat u dawn il-£500 f'dawn l-okkażżjonijiet ma ssemmew qatt. Biss issemmew darba indirettament, ċioè reġgħu issemmew darb'oħra indirettament meta kien qalli: "Jekk toħroġni minn hawnhekk jiena ntik £500 oħra". Jiena

*irrispondejtu*, "Dan hu xogħol ta' *pulitika u rigali* bħal dawn ma nieħux u jiena nitħallas biss tax-xogħol tiegħi profes-sjonali". L-appellant raġa semma dawn il-£500 meta qal illi, f'okkażżjoni oħra, dejjem in konnessjoni ma l-insistenza tiegħi li jħittex joħroġ mill-ħabs, l-appellat qallu: "jekk toħroġni minn hawn ġew jiena £1000 intik issa, mhux £500."

Għab-bażi ta' dawn l-affermazzjonijiet fix-xhieda tiegħu l-appellant *jippretendi illi l-appellat, dawk il-£500 in* kwistjoni, tahomlu ta' l-prestazzjonijiet professjonali tiegħu. L-appellant jissottometti illi ta' din il-pretensjoni hemm korroborazzjoni fl-ittra mitluba lilu mill-appellat u eżibita li, fost affarijiet oħra, kienet tgħid: "*nispera li dan ix-xahar* toħroġni u jien jekk dan ix-xahar natik somma oħra ma dawk il-£500 ta' raġel li jien......"

L-appellat ma jiċħadx illi hu kellu, meta kien il-ħabs, ansjeta kbira biex iffittex joħroġ u li kien lest li jwiegħed flus lill-appellant jekk dan jirnexxilu joħorġu qabel iż-żmien. Hu jammetti illi darba qal lill-appellant "biex għal flus ma jikkonfondix". Iżda t-teżi tiegħu, in ġenerali, hi illi l-wegħdiet li għamel lill-appellant ta' ħlasijiet, sew tal-£500 in *kwistjoni kemm għal-bżonn, ta' somom oħra*, kienu marbutin u kondizzjonati ma l-iskarċerazjoni tiegħu b'opra ta' l-appellant, u din il-kondizzjoni ma seħħitx, għax hu ħareġ mill-ħabs fl-amnestija ġenerali li ingħatat skond it-tul tas-sentenza, lill-priġunieri kollha fl-okkażżjoni ta' l-Indipendenza ta' Malta, f'Settembru 1964. L-ittra hi datata 13 ta' Marzu 1964. Mill-bqija l-appellat jinnega illi hu ftiehem ma l-appellant biex dan iżomm il-£500 bi ħlas tal-prestazzjonijiet tiegħu *fil-ġuri jew ta' serviġi oħra professjonali wara.*

Fil-petizzjoni ta' l-appell hemm ripetutament l-affermazzjoni illi l-£500 ġew imħallsa mill-appellat lill-appellant

bħala "pagament definittiv għas-saldu tal-prestazzjonijiet u spejjes magħmula (mill-appellant) fl-interess ta' l-appellat)." Iżda, din il-Qorti, bħall-ewwel Onorabbli Qorti, ma hiex ta' fehma li din l-asserzjoni hi soddisfaċentement sostnuta mill-provi stess ta' l-appellant hawn fuq imsemmija. Ftehim espress f'dak is-sens bejn il-partijiet ma jirriżultax. Anzi l-appellant donnu jikkontraddiċi dik il-pretensjoni u jidher li jammetti illi lill-appellat hu kellu jirrendilu kont tal-prestazzjonijiet tiegħu. Hu qal: "Jiena lill-(appellat) qatt ma għamiltlu kont tal-prestazzjonijiet professjonali tiegħi billi ma kellix opportunità u dejjem konna ser nirranġaw fuq dan il-kont." Lill-Prokuratur Legali D'Amato, meta dan avviċinah — *kif* jgħid l-appellant, wara li l-appellat kien ħareġ mill-ħabs — u staqsih, għan-nom ta' l-appellat, "x'ser jagħmlu b'dawk il-£500", l-appellant ma qallux illi kien hemm ftehim li dawk il-flus iżommhom bi ħlas tal-prestazzjonijiet tiegħu iżda qallu biex "ma jindaħalx bejniethom u jibgħat lill-appellat għandu biex jkellmu hu" — risposta li din il-Qorti ssib pjuttost stramba, trattandosi ta' Prokuratur Legali li kien qed *jidher* għall-appellat bħala klient.

Issa, ġa-la-darba din il-Qorti taqbel ma l-ewwel Onorabbli Qorti illi ma ġiex presunt li bejn l-appellat u l-appellant sar ftehim biex l-appellant jieħu u *iżomm il-£500* bħala ħlas tas-serviġi professjonali tiegħu, tqum it-tieni kwistjoni jekk, ċioè, ankorkè ma sarx dak il-ftehim, l-appellant kellux jew għandux dritt iżomm minn rajh dawk il-flus bi ħlas li jippretendi dovut lilu.

Anki fuq din il-kwistjoni din il-Qorti ma ssibx raġuni biex ma taqbilx ma l-ewwel Onorabbli Qorti. L-appellant, skond xhieda tiegħu, jippretendi illi l-£500 hu żammhom, in kwantu għal £250/300 bħala ħlas tad-drittijiet tiegħu għall-ġuri u, in kwantu għall-bilanċ, bħala rimborż ta' spejjes u

*rigali li hu nefaq fl-interess ta'* l-appellat.

*Kif irrilevat* l-ewwel Onorabbli Qorti, *lill* il-pretensjoni *ta'* l-appellant timporta illi hu, minghajr ftehim ma l-appellat, *unilateralment iffissa* l-onorarju tieghu u *żammu* minn flus *ta'* l-appellat, *li* kienu *f'idejh* (Mix-xhieda *ta* l-appellat donnu *jidher illi hu* kien jahseb illi l-£500 kienu ghadhom *depożitati* l-*Qorti* sakemm il-Prokuratur Legali D'Amato sab illi kienu *ġew żbankati* mill-appellant. Din il-Qorti jidhrilha *li* qalet *ghal kollox sewwa* l-ewwel Onorabbli Qorti meta qalet: "Illi *ġeneralment* fil-prattika kriminali, oilli m'hemmx tassazzjoni *ta'* l-Avukat difensur, il-ftehim dwar l-onorarju jsir qabel *il*-kumpilazzjoni jew qabel il-ġuri. Ghaliex l-avukat, *li* ma jkollux *il*-kontroll tat-taxxa, ghandu almenu, biex jiffissa l-onorarju tieghu, ifittex u jottieni l-kunsens tal-klient. Ikun, diversament, inammissibbli li avukat jistabbilixxi l-onorarju tieghu 'ex parte' u jipprelevah, b'inizjattiva u kriterju unilaterali, *minn* flus li jkollu f'idejh tal-klient wara t-terminazzjoni *tal*-proċess. Sistema bhal dan, jekk jiġi ammess, jista jaghti lok ghal abbuż, u jippriva lill-parti patroċinata mid-dritt *li* jiddisponi minn flusu f'dak l-ammont li jidhirlu xieraq u kompatibbli ma l-ghażla ta' l-avukat, l-importanza tal-każ u x-xoghol tad-difiża."

It-teżi tal-appellat rigward id-drittijiet ta' l-appellant ghall-ġuri hi li, fil-bidu tal-kumpilazzjoni l-apellant talbu £100 u hu tahomlu; l-appellant kien qallu: "Trid ittini £100 biex inservik" u qabad u ġibhomlu: u baqghu hekk.

L-appellant, ghall-kuntrarju, jghid illi l-£100 hu talabhom lill-appellat bhala avanz akkont. hu xehed li, wara li spiċċat il-kumpilazzjoni u l-appellat ottiena l-libertà provviżorja hu (l-appellant) qallu "issa ahsibli xi haġa ghall-ispejjes": l-appellat staqsih kemm u hu irrispondih "ghalissa

għatini £100", u l-appelat ġieblu £100. Jekk dan hu hekk, *ċioè* li l-£100 tħallsu wara li kienet spiċċat *il-kumpilazzjoni* u kien jonqos biss li joħroġ l-att ta' l-akkuża u jsir il-ġuri, jista jiġi ritort l-argument kontenut fil-paragrafu 6 tal-petizzjoni ta' l-appell għax m'hemm xejn inverosimili li, f'dak l-istadju, l-onorarju tal-avukat difensur jiġi definitivament pattwit.

*L-ewwel Onorabbli Qorti irriteniet, bħala konklużjoni* ta' fatt, li ma "irriżultaliex li oltri l-£100 pattwiti bejn il-kontendenti qatt kien hemm xi mument qabel, waqt u wara l-ġudizzju kriminali li l-(appellant) kellu jieħu xi ammont ieħor a saldu ta' l-onorarju tiegħu.", u żiedet tgħid: "L-istess (appellant) waqt il-kawża anqas ma kien żgur fuq dan il-punt, u qal li jikkalkola li mill-£500, huwa żamm £250/£300 oħra għall-onorarju tiegħu."

Iżda, anke *jekk jiġi konċess illi l-£100 li l-appellat ħallas* lill-appellant ma kienux għas-saldu tad-drittijiet ta' l-appellant għad-difiża ta' l-appellat fil-proċeduri quddiem il-Qorti, il-Qorti hi ta' fehma illi l-appellant xorta waħda ma kienx legalment intitolat li *jirritieni*, mingħajr il-ftehim ta' l-appellat, il-£500 f'idejh biex jitħallas ta' kwalunkwe bilanċ ta' drittijiet li kien jippretendi li sata kien lilu dovut: u *taqbel ma l-ewwel Onorabbli Qorti li, din mhix eċċezzjoni* li l-appellant sata validament jopponi għat-talba ta' l-appellat *f'din il-kawża*.

Minbarra l-onorarju għad-difiża ta' l-appellat fil-proċeduri quddiem il-Qrati, l-appellant jippretendi ukoll li kellu dritt iżomm il-flus biex jitħallas ta' prestazzjonijiet oħra *sussegwenti u jirrimborża ruħu ta' spejjes* li ħareġ għall-appellat. Rigward dawn li spejjes, l-appellant qal: "Nixtieq ngħid ukoll illi dawk il-£500 tad-depożitu fil-maggior *parti*

*tagħhom* ġew użati għal commitments li kellu (l-appellat) ma *ċerti nies li jiena ma nistax nisvela la fl-ammont*, u lanqas fl-ismijiet minħabba li jiena ma ġejtx eżonerat mis-sigriet professjonali." L-appellant xehed fuq domanda ta' l-ewwel Onorabbli Qorti: "Jiena nara aktar il-quddiem x'nista nirrispondi fuq id-domanda tal-Qorti kemm kien dan l-import tal-commitments li semmejt fix-xhieda tiegħi. Issa għandi *ngħid* li għamilt ħafna spejjes *in* relazzjoni ma din is-sitwazzjoni ta' (l-appellat)." Imbagħad, l-appellant qal: "Jiena għadni sal-lum ma nistax nagħti d-dettalji, għax ma *niftakarx* sewwa, *tal-flus li kont ħallast għak-kont* ta' Abdilla. Però nista ngħid li kont nagħti xi manċi u xi rigali: Dawn ir-rigali li semmejt naħseb li jilħqu l-£200."

Rigward din il-pretensjoni ta' l-appellant l-ewwel Onorabbli Qorti qalet li "jekk saru xi spejjeż jew rigali da parti ta' (l-appellant) fuq inkarigu ta' (l-appellat) din il-Qorti ma tistax tieħu konsiderazzjoni ta' l-import relativ, għaliex ma saret ebda prova dwarhom, u (l-appellat) impedixxa lill-(appellant)li jagħti xi dettalji għaliex dawn il-partiti kienu koperti bis-sigriet professjonali:" u żiedet tgħid — evidentement b'riferenza għal dawk l-ispejjes — illi jekk il-prova ma setatx issir minħabba n-natura illeċita jew inaċċessibbli *tagħhom, il-Qorti* ma setgħatx *tissupplixxi* għan-nuqqas ta' din il-prova, b'induzzjonijiet li ma jikkompetux lilha u li setgħu jikkonduċuha għaċ-ċensura ta' l-istess serviġi li, jekk pruvati setgħu jkunu estranei għall-professjoni jew projbiti mil-liġi: jekk dawk is-serviġi kienu ta' natura illeċita, l-inkarigu mogħti għalihom mill-appellat kien null u insostinibbli kwalunkwe pretensjoni ta' kumpens għalihom "Din" — spiċċat tgħid l-ewwel Onorabbli Qorti — "hi sempliċi ipotesi u għalhekk ma hux il-każ li tkompli tapprofondixxi *l-iżvolġiment u l-indaġini ta' din il-materja billi ma* ġietx sollevata espliċitament l-eċċezzjoni relativa għal dawk

li jistgħu ikunu l-effetti ta' din in-nullità għar-rigward tar-restituzzjoni tal-flus imħallsa ...."

Fil-petizzjoni ta' l-appell u fit-trattazzjoni orali, il-konklużjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti dwar dawk l-allegati sborżi u spejjes ġiet kritikata bil-qawwa. Fl-interess ta' l-appellant ġie sottomess illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt tinjora il-flus imħallsa għall-kont u b'inkarigu ta' l-appellat. "Jekk l-appellant" — jingħad fil-petizzjoni — "ikkonferma li għamel dawn l-ispejjes u (l-appellat) bl-ebda mod ma ikkontraddika dak li qal (l-appellant), l-ebda raġuni legali jew profana ma tista timmilita biex dawn l-ispejjes jiġu injorati fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet. Jekk (l-appellant) ma tax id-dettalji ta' dawn l-ispejjes, dan kien unikament għaliex (l-appellant) hu marbut bis-segriet professjonali: Meta (l-appellat) għandu f'idejh il-mezz biex ikollu d-dettalji mingħand (l-appellant) billi jħollu mis-sigriet professjonali, u ma jridx jużah, ma jistax dan jgħid li m'hemmx prova dettaljata ta' l-ispejjes, speċjalment meta huwa ma ikkontradiċix lill-(appellant) fis-sostanza tal-kwistjoni." Ikompli jingħad fil-petizzjoni ta' l-appell illi l-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-ewwel Onorabbli Qorti, għal-kemm b'mod aktarx vag, dwar il-possibilità ta' illeċità ta' ħlasijiet magħmulin mill-appellant fl-interess u b'inkariku ta' l-appellat, kienu għal kollox barra minn lokhom, għaliex il-preżunzjoni hi u għandha tkun dik tal-leċietà u anqas l-appellat ma issolleva ebda kwistjoni ta' illeċita. U anki kieku, għal grazja ta' l-argument wieħed jista jikkunsidra l-possibilita ta' illeċita, wieħed ikun irid jara jekk l-illeċietà kienitx tolqot lill-appellant jew lill-appellat ukoll meta l-pagamenti saru mill-flus ta' l-appellat u b'inkarigu tiegħu.

Il-Qorti *tirrikonoxxi li* dawn is-sottomissjonijiet ta' l-appellant hu ta' min *jikkonsidrahom* sewwa: iżda wara li l-

Qorti ikkunsidrathom ma jidhrilhiex li għandhu tiddiparixxi mill-konklużjoni ta l-ewwel Onorabbli Qorti. L-ewwelnett l-appellat xehed illi hu lill-appellant "qatt ma tah ebda permess biex jisserva bil-flus skond kif jidhirlu xieraq" u l-appellant "qatt ma qallu għalfejn kellhom iservu dawk il-flus". It-tieni nett, gaħlkemm hu veru illi l-appellat baqa sa l-aħħar jiddeklina li jillibera lill-appellant mis-sigriet professjonali, l-appellant in-nifsu, kif jidher mill-estratti mixxhieda tiegħu hawn fuq ċitati, anqas kien verament konsistenti. Beda biex qal *illi* l-£500 *"fil-maġġior parti tagħhom"* gew użati għall-"commitments" li l-appellat kellu ma ċerti nies li, hu qal, li ma jistax jisvela la fl-ammont u lanqas flismijiet minħabba li ma ġiex eżonerat mis-segriet professjonali. Imbagħad mitlub mill-Qorti biex almenu jindika l-import ta' dawk *il-commitments* qal li għamel ħafna spejjes in relazzjoni mas-sitwazzjoni ta' l-appellant mingħajr ma indika ebda ammont. Imbagħad fl-aħħar qal illi kien għadu ma jistax jagħti d-dettalji, mhux aktar, il-Qorti tosserva minħabba s-segriet professjonali, iżda "għax ma jiftakarx sewwa": l-appellant seta *jgħid* biss li kien jagħti "xi manċi u xi rigali li jaħseb li kienu jilħqu l-£200"

Issa għandu jiġi rilevat illi, skond kif xehed l-appellat, meta hu talab il-flus lill-appellant u dana wiegbu li l-£500 li żamm f'idejh ma kienux iservu, l-appellant qallu. "Tini l-kontijiet u nikkalkola". Intant, kif ġa intqal aktar il-fuq, l-appellant ammetta fix-xhieda tiegħu illi hu qatt ma għamel kont lill-appellat ta' dak li kien jippretendi li kien dovut lilu "billi ma kellux l-opportunità u dejjem kienu ser jirranġaw fuq dan il-kont."

*Il-Qorti ma jidhriliex f'dawn iċ-ċirkostanzi, illi l-appellant*, mingħajr ma jagħti kont lill-appellat (fejn żgur li s-segriet professjonali ma jidħol xejn) jista legalment jippre-

tendi li jiddetjeni għandu flus ta' l-appellat li, kif il-Qorti irriteniet aktar il-quddiem, ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet illi l-appellant kellu iżomm biex joħodhom jew jiddesponi minnhom kif jidhirlu hu.

U din il-Qorti jidhirlha — nonostanti l-ilment hawn fuq imsemmi ta' l-appellant — illi l-ewwel Onorabbli Qorti anqas kellha tort meta adombrat b'mod vag il-possibilità ta' ipotesi ta' illeċita. Is-segriet professjonali issemma mill-appellant in konnessjoni ma "commitments" li hu qal li l-appellat kellu ma xi nies u minn dak li xehed wara jidher li dawn il-"commitments" kienu in konnessjoni ma l-"manċi u r-rigali" li hu qal li ħallas, u mill-kontest jidher li dawn kienu in konnessjoni ma l-ansjetà u l-insistenza ta' l-appellat illi l-appellant jipprokuralu il-ħelsien mill-ħabs mill-aktar fis. L-appellant xehed li kien in konnessjoni ma din il-kwestjoni tal-ħruġ ta' l-appellat mill-ħabs illi l-appellat ried jiffirmalu karta u qallu "biex forsi ikollok bżonn tagħti xi ħaġa lil xi ħadd" u semmielu ismijiet li qal li ma setax jisvela minħabba is-segriet professjonali. Jekk din kienet il-konnessjoni, mhux faċli li taħrab il-ħsieb ta' l-possibilità ta' l-illeċitu, li tinteressa anki lill-ordni pubbliku u li, kif qalet l-ewwel Onorabbli Qorti, "tkun estranea għall-professjoni".

Fi kwalunkwe każ, l-ewwel Onorabbli Qorti ma ibbażatx ebda konklużjoni tagħha fuq dik l-ipotesi: u din il-Qorti qed issemmiha għaliex tikkonfessa illi l-invokazzjoni tas-segriet professjonali fil-kontest li ġie akkampat tipperturbha mhux ftit. S'intendi ir-regola hi illi s-segriet professjonali li ċertament huwa ta' l-akbar importanza għall-professjoni legali, japplika għall-komunikazzjonijiet minn klient in konfidenza, in kwantu l-avukat ikun jaġixxi fil-kapaċità professjonali tiegħu: iżda ma japplikax għal fini li tiġi kommessa illeċita jew illegalità.

Mill-bqija għall-prestazzjonijiet professjonali l-oħra li l-appellant irrenda lill-appellat (ċioè apparti l-onorarju għall-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti u r-rifusjoni ta' spejjes għall-'manċi u rigali') l-ewwel Onorabbli Qorti illikwidat favur l-appelant, ammont ta' £50. U anki hawn din il-Qorti ma jidhrilhiex, li għandha tiddissenti mid-diskrezzjoni użata minn dik il-Qorti, fis-sens li tillikwida ammont ammont akbar. Apparti illi, għal dawk li kienu prestazzjonijiet li l-appellant irrenda bħala "politician", l-appellant innifsu, ad unur tiegħu, stqarr ripetutament fix-xhieda tiegħu li hu qatt ma ippretenda li kellu jirċevi ħlas, il-Qorti — ġa ladarba, sfortunatament, din il-kawża tħalliet issir u titkompla — b'dispjaċir tagħha ma tistax tħalli għaddejjin inosservati ċerti stqarrijiet li l-appellant in-nifsu għamel fix-xhieda tiegħu u li fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel jirriferixxu għal serviġi li żgur m'humiex retribwibbl u, mbagħad jesorbitaw mil-limiti tal-funzjoni ta' l-avukat u ta' dik li hu permess u mistenni. Il-Qorti mhix bi ħsiebha tidħol f'ħafna dettalji: iżda tixtieq tgħid bil-qawwa kollha illi hu tal-fehma tagħha nuqqas, anki jekk magħmul fiż-żelu eżaġerat talqadi tal-klient, li avukat jippresta ruħu għall-inosservanza jew ksur tar-regoli dixxiplinari ta' istituzzjonijiet, per eżempju l-Ħabs. Huwa sommament essenzjali li xejn ma jsir li jista jnaqqas fl-awtoritajiet jew f'ħaddieħor il-fiduċja fil-kelma u fil-bona fede ta' l-avukat u jkun imnaqqas minn din il-fiduċja jekk isiru rikjesti merament bħala "pretesti" jew skużi biex jinqeda jew jiġi aġevolat il-klient. Biex jissemma xi eżempju mix-xhieda ta' l-appellant, il-Qorti issib perturbanti l-ammissjoni ta' viżiti magħmulin lill-appellat il-ħabs "biex ikollu xi skuża li joħroġ miċ-ċella;" u aktar id-dikjarazzjoni: "ġie li (lill-appellat) ġibtu l-Qorti għax kellu xi kawża u kien joqgħod hawn jistenna l-kawża tiegħu u jiena kont nagħmel b'mod li nħallielu għall-aħħar biex kemm jista jkun idum barra mill-ħabs. Ġie li ġibtu ukoll għas-seduti allavolja kont inkun naf li kienu jkunu mħas-

srin, u *anki ġie li ġibtu l-Qorti meta ma kienx ikun hawn seduta*".

Mill-bqija, u bla ma tidħol f'dettalji oħra, din il-Qorti tixtieq tissottolinea l-adesjoni tagħha għall-kliem finali tas-sentenza appellata fis-sens illi l-prinċipji tal-moralità profes-sjonali huwa superjuri għal kwalunkwe konsiderazzjoni merament patrimonjali u l-eżerċizzju tal-professjoni għandu jkun f'kollox tali li ma inaqqasx "fl-opinjoni ta' l-klient u tal-pubbliku in ġenerali xi ħaġa mill-attribut ta' dik l-integrità li hi patrimonju indiskuss u tradizzjonali ta' l-Avvokatura Maltija." Forsi ma dan jista jiżdied *il-kliem* solenni ta' Lord Denning, f'kawża riċenti fejn qal: "It is a mistake to suppose *that (the advocate) is the mouthpiece of his client to say* what he wants or his tool to do what he directs. He owes his *allegiance to a higher cause, that of truth and justice*".

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiċħad l-appell u tikkon-ferma s-sentenza appellata bl-ispejjes kontra l-appellant, iżda b'dana illi l-imgħax jiddekorru min-notifika taċ-ċitaz-*zjoni*.